

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 10/2007****tas-27 ta' April 2007****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 956/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 94/92, fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom għandhom joriġinaw ċerti prodotti agrikoli miksuba permezz ta' produzzjoni organika sabiex jiġu kkummerċjalizzati fil-Komunità ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54b (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II li jinsab mal-Ftehim:

“— **32006 R 0956:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 956/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 175, tad-29.6.2006, p. 41).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 956/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, ladarba jsiru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

⁽¹⁾ ĠU L 89, 29.3.2007, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 175, 29.11.2006, p. 41.

(*) Edda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.